# Storja tal-Biża'

Meta ssakkart ġo dar antika biex nistkenn mill-maltemp qalil ħassejtni se ttini rasi. Kienet dar żdingata, magħluqa għal ħafna snin u ħadd ma kien jaf dwarha għaliex ħadd ma reġa' mar joqgħod fiha.

Kellha dehra misterjuża b'bieb enormi kollu toqob tas-susa b'żewġ ħabbati tar-ram, it-twieqi tal-injam kollha mkissrin donnhom qagħdu jwaddbulhom il-ġebel xi tfal imqarqċa. Kien hemm riħa qawwija ta'umdità,l-għamara kienet miksija b'saff trab fin u l- irkejjen kienu kollha għanqbut. Il-purtieri kellhom kulurhom mitfi u kienu mċarrtin. L-art kienet tal-injam u ma' kull pass li bdejt nagħmel bdiet iżżaqżaq.

Pruvajt niftaħ il-bieb b'saħħti kollha imma kien inutli ,għalhekk bdejt nipprova nsib bieb ieħor minn fejn nista' noħroġ. Kif għamilt pass , qasam ġurdien minn taħt saqajja u kif għollejt wiċċi nilmaħ wiċċ tal-waħx f' mera mkissra. Dak il-ħin imsarni niżluli f'saqajja bil-qatgħa. F'daqqa waħda bdejt nisma' passi niżlin it-taraġ u l-kamra saret kiesħa silġ , it-twieqi bdew jinstabtu u ħassejt il-ġilda ssirli qisha kaktus kollha xewk.

Kelli saqajja maqtugħin bil-qtajja' iżda xħin ħarist warajja u rajt il-waħx tal-mera tlaqt b'ġirja waħda għall-kamra ta' faċċata. Beda jgaralli biċċiet tal-injam bil-ponta u bdew jeħlu qishom stalletti fil-ħajt ta' quddiemi. Il-linfa bdiet iddur b'saħħa kbira qisha żugraga u taru ħafna friefet li-lejl li baqgħu sejrin dritt għall-bieb ta' faċċata.

Dak il-ħin ma nafx kif ġieni ħsieb ġo moħħi biex insegwihom u minn hemm bqajt ħierġa għal ġol-bitħa li kellha l-kanċell imkisser u b'ġirja waħda bqajt sejra lejn id-dar fix-xita nieżla qliel.

Magħmula minn Haley Psaila Form 1 Coral